MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Rikors Numru. 50/2006

**Antoine Vassallo pro et noe (325847(M))**

**Vs**

**France u Pauline Catania**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew:

1. Illi huma gew notifikati bl-atti ta' dan il-mandat ta' qbid li ser jigi ezegwit bl-elevazzjoni tal-oggetti indikati mill-Marixxal tal-Qorti.

2. Illi fl-ewwel lok l-esponenti umilment jirrilevaw li l-mandat odjern huwa irritu u null stante li gie presentat zbaljatament billi fir-rikors promotur ma giex indikat korrettement, ghalhekk dawn l-atti l-kliem 'pro et noe' ma

jfissru xejn u l-imsemmi Antoine Vassallo personalment ma ghandu ebda titolu ezekuttiv.

3. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost minn fost l–oggetti indikati mill-imsemmi Marixxall hemm proprjeta parafernali tar-rikorrenti liema ser tigi elevata qisha parti mill-komunjoni tal-akkwisti mhux biss izda hemm ukoll oggetti li huma indikati fl-artikolu 304(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li huwa projbit li jigi ezegwit dan l-mandat.

4. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost f’kull kaz l-esponenti qed joggezzjonaw ghall-elevazzjoni tal-oggetti stante li la hemm data tal-bejgh in subbasta indikata u anqas hemm indikat fejn dawn l-oggetti ser jigu mizmuma sabiex ma ssirilhom ebda hsara.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna ir-revoka tal-mandat ta’ qbid hawn indikat jew alternattivament tiffissa terminu sabiex l-esponenti jipprocedu bil-proceduri necessarji ghar-revoka tieghu ai termini tal-ligi.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 9 tal-atti) u li biha espona bil-qima:-

Illi b’sahha ta’ sentenza tal-27 ta’ Ottubru 2003 (1159/03) moghtija mit-Tribunal ghal-Talbiet Zghar, l-esponent personalment u esercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer ottjena sentenza kontra l-intimati.

Illi ghalhekk Antoine Vassallo ghandu personalment titolu esekuttiv.

Illi France Catania irid ihallas ghad-dejn tieghu kemm bil-proprieta tieghu parafernali u kemm bil-propjeta’ tieghu appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

Illi l-oggetti maqbuda sejrin jinzammu ghand Mariolina Schembri ID 684862 kif ordnat din il-Qorti b’digriet taghha precedenti.

Illi l-konjugi Catania ghad li ghandhom assi konsiderevoli ma hallsux d-dejn taghhom.

Illi kull ma qed jaghmlu l-intimai huwa sabiex jostakolaw l-esekuzzjoni tas-sentenza.

Illi ghad li din il-Qorti ordnat l-elevazzjoni u giet iffissata data ghall-elevazzjoni il-Marixxall ma elevax minhabba pressjoni fuqu ghax sar dan ir-rikors.

L-esponent talab unilment li t-talbiet tal-konjugi Catania jigu michuda.

Rat id-digriet taghha precedenti (fol 10 tala-tti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-mandat in esami, kif jidher mill-provi prodotti gie mahrug mill-Qorti kompetenti in esekuzjoni tas-sentenza esebita in atti skond kif jidher a fol 2 u fol 21 et seq. Difatti l-istess kien gie <u>kollazzjonat, degretat u esegwit</u> kif jidher mill-atti relattivi u bhala konsegwenza kienu gew maqbuda l-oggetti elenkati mill-Marixxal esekutant u konistenti f'"divan', skrivanija, kamra tal-pranzu u magna tal-hasil.

Illi <u>r-rikorrenti France Catania</u> (fol 18 ibid) xehed dwar l-oggetti maqbudin, illi dawn kienu in parti parafernali ta' martu, r-rikorrenti l-ohra, 'in parte' tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. Inoltre, hu rrefera ghall-'ftehim' bejnu u l-intimat wara s-sentenza msemmija u dan billi kien ta' lura lill-intimat il-karozza akkwistata minnu bin-numru MMG 812 permezz ta' kambjalijiet. Filfatt in rigward dan ix-xiri, '… tant hemm mandati tant hemm sentenzi". Ghalhekk hu jsostni illi l-ammont kollu dovut skond l-istess sentenza kien gie mhallas minnu "… billi dan (l-intimat" ha l-karozza lura u billi ha parti ukoll mis-salarju" bhala impjegt mal-Gvern ta' Malta (ara dwar dan, il-kopja ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv a fol 23 et seq ibid). Fl-

ahhar nett, hu esebixxa (a fol 27 ibid) kopja ta' verbal mill-atti ta' bejgh bis-subasta minn fejn jidher illi l-istess karozza kienet giet liberata favur l-istess intimat ".. bil-prezz ta' elfejn u mitejn liri maltija … 'animo compensandi'.

Illi da parti tal-intimat hu xehed (fol 36 ibid) illi kien ottjena tlett (3) sentenzi fil-konfront tar-rikorrenti (ara fol 29 u fol 30 kif ukoll l-ahhar wahda li ghaliha jirreferi dan ir-rikors u li, di gja issemmiet. L-istess sentenzi kienu jirreferu ghal kambjalijiet differenti mahrugin fuq l-istess karozza u kienu gew moghtija fit-2 ta' Frar 2001 u fl-4 ta' April 2003 waqt li dik esegwita permezz tal-mandat in esami, giet moghtija fis-27 t'Otturu 2003. Jidher car mid-dokumenti esebiti mill-intimat a fol 31 u fol 32 illi l-imsemmija subasta kienet tirreferi ghall-ewwel zewg sentenzi citati u mhux ghall-ahhar wahda, bl-ammont hemm specifikat ghadu dovut sallum.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher car illi:-

a) L-ammont specifikat fil-mandat ta' qbid esekuttiv in esami ghadu dovut sallum,
b) Ma kien hemm ebda ftehim bejn ir-rikorrenti u l-intimat illi dan seta' jiehu l-karozza lura. In fatti, l-istess intimat kien akkwistaha lura permezz tas-subasta msemmija.
c) In rigward l-okkju tal-mandat in esami a basi ta' din il-premessa, l-Qorti certament ma tistax tiddikjara null, il-mandat in esami in vista li att esekuttiv jista jigi mhassar jew revokat anke in parte minhabba raguni valida skond il-ligi, biss (ara l-artikolu 283(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Jigi rilevat illi t-titolu esekuttiv jappartjeni lill-intimat f'ismu proprju liema fatt hu sufficjenti sabiex l-istess mandat jigi ritenut validu.

Illi fl-ahhar nett, gie konsiderat l-artikolu 304 tal-istess Kapitolu 12 u l-Qorti rat jekk l-oggetti maqbuda humiex soggetti ghal qbid. Difatti skond dan l-artikolu ma humiex hekk soggetti l-affarijiet tal-kcina u tal-ghamara li, jitqiesu ragjonavolment mehtiega tal-ghixien b'mod decenti tad-

debituri u tal-familja tieghu u rat li l-istess oggetti huma kollha kemm huma soggetti li jigu maqbuda u elevati. Inoltre jigi rilevat illi s-sentenza, li a basi taghha kien ihareg il-mandat in esami, kienet inghatat kontra l-konjugi Catania u b'hekk kull proprjeta mobbli u immobbli appartenenti lilhom, sew parafernali sew appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti ghadha taghmel tajjeb ghal kull dejn tal-istess konjugi.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess jidher car li ma hemm ebda raguni valida fil-ligi skond kif allegat u premess fir-rikors in esami sabiex jigi revokat il-mandat in esami u dan in vista, kif hawn fuq spjegat dak allegat fl-istess rikors ma jreggiex. Pero, fl-istess waqt, il-Qorti thoss illi ghandha taghti terminu qasir lir-rikorrenti sabiex jaraw jekk ghandhomx rimedju iehor skond il-ligi. Dan qed isir "arbitrio boni visi" in vista li jidher evidenti illi jista' jkun kaz ta' arrikament ingustifikat minhabba li, kif di gja gie premess, ir-rikorrenti kienu akkwistaw il-vettura in kwistjoni minghand l-intimat bil-prezz jithallas skond id-data ta' skadenza ta' diversi kambjalijiet. Bhala konsegwenza tal-fatt illi parti minn dawn il-kambjalijiet ma gewx onorati, l-intimat kien ottjena zewg sentenzi u, sussegwentement, kien ta' lura l-istess vettura permezz ta' offerta "animo compensandi" fl-imsemmi bejgh b'subasta.

Cjononostante u xorta wahda, ir-rikorrenti ghadhom debituri tal-intimat fis-somma specifikata fit-tielet sentenza ossija Lm968.22,0.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-mandat in esami, qed taghti l-fakolta lir-rikorrenti sabiex sal-21 ta' Mejju 2006, huma jipprocedu bil-proceduri necessarji, jekk hemm , sabiex jekk hu possibbli jottjenu rimedju ghas-sitwazzjoni taghhom presenti kif hemm fuq esposta. Ulterjorment Tordna li l-effetti kollha ta' dan il-mandat jibqghu sospizi sad-dekorrenza ta' dan it-terminu kif prefiss.

In rigward l-ispejjes ta’ din il-procedura fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------